**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 6 ta' Marzu, 2017

**Il-Pulizija**

**(Spettur Robert Vella)**

**-vs-**

**John Bonnici, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 370766(M).**

Kumpilazzjoni Nru. 1076/2014

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat John Bonnici talli:

Nhar id-19 ta' Ottubru, 2013, ghall-habta ta' xi s-1.00 ta' filghaxija gewwa dawn il-Gzejjer:

1. Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' ghamel hsara fuq vettura bil-mutur tal-ghamla Toyota Yaris bin-numru ta' registrazzjoni MND-155 għad-dannu ta' Miriam Spiteri u/jew ta' persuna jew persuni ohra, liema hsara hija t'izjed minn elfejn u hames mitt euro (€2,500), u dan bi ksur tal-Artiklu 325(1)(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' ghamel hsara fuq vettura bil-mutur tal-ghamla King Long bin-numru ta' registrazzjoni BUS-005 ghad-dannu tal-Malta Public Transport u/jew ta' entita` jew entitajiet ohra, liema hsara hija izjed minn mitejn u hamsin euro (€250) izda ma tiskorrix elfejn u hames mitt euro (€2,500), u dan bi ksur tal-Artiklu 325(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Daniel Farrugia hekk skond ma' ccertifika Dr. R. Busuttil M.D. (Reg

No. 1854) mic-Centru tas-Sahha tal-Mosta, u dan bi ksur ta' l-Artikli 215 u 221 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u

4. fl-istess data lok, hin u cirkostanzi saq vettura bil-mutur tal-ghamla King Long bin-numru ta' registrazzjoni BUS-005 b'manjiera traskurata, bla kont u perikoluza, bi ksur tal-Artiklu 15(1)(a)(2)(3) tal-Kap 65.

Il-Qorti ġiet gentilment mitluba illi f'kaz ta' htija minbarra li tinfliggi il-piena stabbilita skond il-ligi, joghgobha tiskwalifika lill-imputat milli jkollu jew jottjeni xi licenzja ta' sewqan ghall-perjodu li l-Onorabbli Qorti jidrilha xieraq.

Il-Qorti ġiet wkoll gentilment mitluba, bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna offiza w cioe' Daniel Farrugia, jew ghaz-zamma tal-ordni pubbliku jew ghall-iskop tal-protezzjoni tal-persuna msemmija u l-familjari taghha minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza ta' vjolenza, tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-akkuzat skond l-artiklu 412C tal-Kap 9 u f'kaz ta' htija, il-Qorti hija mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta' ta' l-persuna offiza u l-familja taghhha ai termini tal-Artikoli 383, 384, 385, 412C u 412D tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat m'ghandhux l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet ix-xhieda.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni.

Rat li n-nota ta' sottomissjonijiet tad-difiza li giet prezentata jumejn ta' xoghol biss qabel id-data li kellha tinghata s-sentenza u dan minghajr ma ntalab, permezz b'rikors, sabiex din tigi ammessa in atti u meta il-partijiet kien nghatalhom sal-20 ta' Jannar, 2017 ghal dan l-iskop.

Ikkunsidrat-
Illi dan il-kaz jirrigwarda sewwieq ta' xarabank, l-imputat, li qed ikun allegat li saq ghall-fuq il-parte leza hekk kif kienu qed isuqu minn Regional Road fid-direzzjoni tal-Marsa.

Illi **Brian Farrugia** xehed li l-vettura King Long bin-numru BUS-005 kienet registrata fuq Arriva Malta Ltd., filwaqt li l-vettura Toyota Yaris fiz-zmien tal-kaz kellha n-numru MND155 u kienet registrata f'isem Miriam Spiteri, numru tal-karta tal-identita` 219054M.[1]

Illi l-Ispettur Investigattiv **Robert Vella** xehed li l-Pulizija mid-Distrett tal-Hamrun kienu gew mgharrfa b' habta li sehhet fil-Marsa Bypass bejn xarabank BUS-005 u Toyota Yaris MND-155, fejn, wara l-habta kien anke inqala' argument bejn is-sewwieqa taz-zewg vetturi.[2] Xhud okulari ra dak li sehh u

[1] Fol.6 et seq. Vide fol.10
[2] Fol.11

qal lill-pulizija li l-imputat meta mistoqsi minnu ghaliex kien saq ghal fuq il-parte leza, Daniel Farrugia, kien qallu li ghamel hekk ghax Farrugia offendieh b'ommu li kienet ghada kemm giet nieqsa. Fl-istqarrija li rrilaxxa l-imputat,[3] dan innega li saq fuq Farrugia apposta u qal li Farrugia kien issikka mieghu tant li qabadlu x-xarabank mar-rota u b'hekk ix-xarabank baqghet tingibed ghal fuqu. L-imputat fil-fatt qal li *"Jiena kont ghaddej hiereg minn taht il-mina fuq is-side tieghi u xghelt l-indicator u qsamt biex nigi ghall-one lane, bqajt tiela normali u kont tlajt bicca sew minnha, giet karozza magenbi misjuqa min ragel u dan beda jdoqq il-horn, u qalli "ersaq il-gewwa" u kompla joffendini b'ommi. Kif <u>caqlaqt naqa l-isteering</u>, dan kien issikkat mieghi u <u>laqatli r-rota ta' quddiem</u>, sehh l-incident u x-xarabank peress li <u>kont qed insuq b'id wahda</u> gibidli l-isteering fuq in-naha tal-lemin u t-trakk baqa jigbed fuqu.....Dan kif inzilt mix-xarabank, rajt ix-xufier tal-Vitz gej jigri ghalija u beda jghid li jiena kont dhalt apposta fuqu w dak il-hin qabad itini."*[4]

Minn dan il-Qorti tistaqsi:<u> Ghaliex kien qed issuq b'id wahda? Jekk kien ghaddej fil-karreggjata tieghu ma kellux ghalfejn jersaq il-gewwa? Hekk kif induna li kien ma genbu l-istint naturali kellu jkun dak li jikser lejn ix-xellug biex jevitah, allura ghaliex kiser ghal go fih</u>? Kif jixhdu ir-ritratti esebiti t-triq mhix xi wahda dejqa u tipperemetti li minnha jghaddu komfortevolment zewg vetturi anke jekk wahda minnhom hi xarabanak. Il-fatt li semghu joffendih juri kemm kien vicin tieghu u ghalhekk minkejja li rah hdejh minflok ipprova jevitah ghazel li jikser ghal fuqu.

Illi **PS736 Joseph Vella** kkonferma il-Current Incident Report[5] minn fejn jirrizulta li l-imputat kien qal *"Kont hiereg mill-mini ta' Regional Road fuq il-karreggiata tan-naha tax-xellug u l-karozza bin-numru MND155 giet mieghi. Is-sewwieq ta' din il-vettura offendini u qalli "......" <u>u tefgha ghall-go fija</u> u bqajna nitkaxkru. Nizel min gol karozza u gie fejn l-istaffa ...hebb ghalija."* Minn naha tieghu Daniel Farrugia kien stqarr li hu u tiela t-telgha li tizbokka mill-mini ta' Regional Road, vettura tal-Arriva bdiet taghfas mieghu, daqqlu l-horn u is-sewwieq *"gibed ghall-go fija gas down"*. Ammetta li hu nizel mill-vettura tieghu u kien hemm argument bejnu u x-xufier tax-xarabank.[6]

Illi aktar importanti hija id-dikjarazzjoni li xhud okulari ghamel mas-surgent fejn dan spjega kif hu kien qed isuq wara Farrugia u l-bus *"**tal-linja ghafas lill-vettura** l-ohra u **wara kiser ghall go fuqu** u habtu.....Importanti hafna nixtieq [nghid] saqsejt lil tal-arriva ghalfejn ghagixxa bdan il-mod u qalli "ghax ghada kemm tmut ommi u **kif smajtu jofendini b'ommi qbadt u <u>tfajt go fih</u>**."*[7]

Illi dan ix-xhud, **Ivan Cassar**, iddeskriva kif hu kien hiereg mill-mini ta' Santa Venera sejjer lejn il-Marsa meta *"kif hrigt ezatt minn got-tunnels u bdiet il-kurvjatura t-tela' tiela' l'fuq rajt Arriva bus u Toyota Yaris......Din it-Toyota Yaris*

[3] Fol27 et seq.
[4] Fol.28
[5] Fol.38 et seq.
[6] Fol.39
[7] Fol.39

*kienet qishom qed jovertakejaw u* <u>*bdejt nisma l-horn tal-Yaris*</u> *jigifieri u* <u>*rajt zewg manuvri strambi*</u> *minghand din l-Arriva,* ***l-ewwel qisha l-Arriva gibdet l'hemm f'salt lejn il-genb, imbaghad f'daqqa wahda gibdet kollox lejn il-genb u baqghet diehla ghal gol-hajt u rasset lil vettura Yaris mal-hajt****...."*[8] Ikompli li hekk kif gara dan is-sewwieq tal-Yaris hareg minn gol-*passenger seat* u mar ghall-entratura tal-bus fejn hekk kif hareh ix-xufier bdew jaghtu. Dwar il-parte leza li hu jiddeskrivi bhala *"it-twil"* jghid li dan kien **taht shock**. Dwar ix-xufier tal-bus, li kellu d-demm fuq wiccu kawza tal-glieda, jghid *"Il-bus driver ghidtlu isma x'fettillek ghamilt din l-azzjoni kollha u affarijiet hekk,* ***qalli ghax beda' joffendini b'ommi u qalli ghamilt.......ghax ommi kienet ghadha kemm mietet xi xharejn ilu****."*[9] Ix-xhud jghid li <u>Farrugia beda jipprova jaghmel *overtaking* u jpaqpaq il-horn</u> u li wara l-habta dan hareg mill-vettura tieghu u mar ghax-xufier tal-bus *"ghas-sodisfazzjon"*. Fil-fatt jerga' jikkonferma li l-imputat kellu d-demm ma xuftejh u *"dan hareg minn fuq l-istaffa l'isfel ifhimni kien hemm konfront tat-tnejn li huma jigifieri mhux wiehed qed jipprovoka.."*[10] Izzid li waqt li l-imputat kien mal-art, wara li qala daqqa ta' ponn, Farrugia kien baqa' jattakkah.[11] Rilevanti hu l-fatt li <u>Cassar ma ra l-ebda *indicator* jintuza mix-xufier kif dan tal-ahhar jallega kif ukoll ma rax lil Yaris tinqabad mar-rota tax-xarabank kif itenni l-imputat!!</u>

Illi **Daniel Farrugia** xehed li hu kien qed issuq lejn il-Marsa. Kien hemm xarabank qed tigi misjuqa quddiemu li kienet hafna fuq in-naha tax-xellug f'parti minn fejn jista' jsir *overtaking. "Jien* ***ghamilt l-overtaking, daqqejt il-horn u bdejt nara x-xarabank iross. Bqajt indoqqlu l-horn u ovvjament f'daqqa wahda gibed l-isteering*** *litteralment bhal ta' the A Team u gol-hajt.* ***Lili tefghani gol-hajt*** *u gie mkaxkar mall-hajt, il-karozza ovvjament hija total loss biex tkun taf, u x-xarabank waqaf pied minn mal-hajt, biex nurik jigifieri d-differenza jien ghandi ritratti hawn nista' nesebihom ukoll, u l-lane jigifieri li hemm kwazi joqghodu tliet busses hdejn xulxin gejna kollha gol-hajt. Ovvjament jiena rriversjajt, ippruvajt nirriversja waqghet il-gear box u hrigt mill-bieba ta' wara. X'hin hrigt mill-bieba ta' wara ovvjament wara li nqala l-incident hrigt mill-bieba ta' wara u nsib lilu barra, qalli inti, ma nafx x'qal dak il-hin, u gejna f'argument u bdejna, nqalghet glieda."*[12] Farrugia issostni li kif juru r-ritratti u kif sehhet il-habta *"id-daqqa tant hi b'vendikazzjoni u mhux incident jew girfa li jien kont kwazi qbiztu, jigifieri l-barxa minn max-xarabank minn taht il-bieba tad-driver lura kollu ccanat, jigifieri mhux kwistjoni laqatni u daqshekk hija kwistjoni b'vendikazzjoni u gibed litteralment ghal fuqi."*[13]Itemm ix-xhieda tieghu billi jghid li l-vettura kienet giet 'total loss' u ix-xahar ta' qabel kienet ghada kemm giet assikurata.[14]

---

[8] Fol.20
[9] Ibid.
[10] Fol.21
[11] Fol.23
[12] Fol.47-48
[13] Fol.48
[14] Fol.49

Illi **Dr Rupert Bussuttil** ikkonferma certifikat mediku[15] li hareg wara li ezamina lill-parte leza li nstab li kellu griehi hfief peress li kellhu nefha fuq il-polz.[16]

Illi **Miriam Spiteri** xehdet li hi kienet is-sid tal-vettura Toyota Yaris MND-155 u kienet silfet il-vettura lill-parte leza li kien jigi r-ragel ta' bintha. L-asikurazzjoni kienet saret ix-xahar ta' qabel.[17]

Illi **Rita Azzopardi,** in rapprezentanza ta Malta Public Transport, esebiet diversi dokumenti u ritratti tal-vetturi *on site* wara l-habta. Fost id-dokumenti esebiti hemm stima tal-hsarat tax-xarabank fl-ammont ta' €896.80.[18] Rilevanti ukoll hu it-Traffic Accident Report[19] mhejji mill-Gwardjani Lokali li rrikorrew fuq il-post bir-riferenza 'Ref.139280/Sterling' fejn id-Driver's Statement ta' Farrugia jaqra kif gej: *"BUS005 kien hdejha tiela fuq il-left tieghi u jien kont fuq ir-right. Daqqejtlu l-horn ghax rajtu resaq lejja u biex nigbidlu l-attenzjoni u f'daqqa wahda kiser f'daqqa kollu fuq[i] b'intenzjoni u imbuttani komplettament ghal gol-hajt u tellghani l-bankina u kaxkarni."*[20] Minn naha tieghu l-imputat kien ddikjara: *"Kont ghaddej dritt fuq is-side tieghi u bil-wisa' tat-truck ma hemmx fejn taqbez. MND155 gie ma genbi fuq is-sinjali bojod u beda jdoqqli l-horn u joffendini b'ommi.* ***Ksirt l-isteering u hbatna****."*[21] Dan juri ukoll li *a tempo vergine* ghall-darb'ohra l-imputat jammetti li kien irrejagixxa billi kiser l-isteering, sforz tal-kliem xejn dekoruz tal-parte leza.

Illi **Warden 273 Eric Sciberras** kkonferma l-istess Traffic Accident Report 'Ref.139280/Sterling'.[22]

Illi **John Borg Bellanti** kkonferma *s-survey report* li gie nkarigat jipprepara ghal Arriva minnfejn jirrizulta li l-hsara fuq BUS-005 kienet tammonta ghal €896.80.[23] Ix-xhud **Kenneth Camilleri** esebixxa ukoll dikjarazzjoni li l-imputat ghamel mal-kumpanija Arriva li hi **differenti minn dik originarjament moghtija lill gwardjani lokali** u citata aktar il-fuq.[24] Fil-fatt jirrizulta li Bonnici din id-darba jzid dettal *"Il-vettura taghtni daqqa fil-genb tat-trakk u bqajna nitkaxxkru sa fuq iz-zebgha fuq il-genb tat-triq."*[25]

Illi mir-ritratti tal-hsarat fuq ix-xarabank tirrizulta kjarament marka ta' rota li hi ferm u ferm izghar mir-rota tax-xarabank li thaxxnet maghha. Dan ukoll juri li l-verzjoni tal-imputat moghtija fl-istqarrija kif ukoll f'dawn il-proceduri hi ghal kollox inverosimili. Ghalhekk mir-rapport tas-surveyor ma tirrizulta ebda daqqa lix-xarabank. Ma hemm l-ebda indikazzjoni li x-xarabank soffriet xi daqqa jew li kien hemm xi hsarat fuq ir-rota! Dak li gie kkonstat kien biss *"Genb naha tax-*

15 Fol.30
16 Fol.149-150
17 Fol.55
18 Dok. RA3 a fol.65
19 Dok. RA4, a. fol.66
20 Fol.66
21 Fol.67
22 Fol.133. Kopja ohra tal-istess rapport esebita bhala Dok. ES a fol.136-145
23 Fol.102-103; Report a fol.65.
24 Fol.117-118
25 Fol.118

*xufier* ***min quddiem sa wara.”***[26] u kif jidher mmarkat fuq l-istess pagna fuq l-imagini tax-xarabank, il-marki indikati certament ma jimmilitawx mar-rakkont moghti mill-imputat fl-istqarrija izda jikkoroborraw il-verzjoniijiet ta’ Farrugia u Cassar. Jikkonfermaw izda dak li l-imputat *a tempo vergine* qal lil Cassar meta ammetta mieghu li baqa diehel fuq Farrugia ghax dan kien offendiehlu l-ommu.

Illi **Richard Vella** xehed li d-danni mgarbba mill-vettura Yaris MND-155 kienu ammontaw ghal €8,200 wara li l-vettura giet certifikata bhala ‘total loss’.[27]

Illi l-imputat ghazel li jixhed u spjega li dakinhar tal-habta kien qed jaghmel l-ahhar vjagg tieghu gej minn Mater Dei u sejjer il-Marsa u sehh kif tohrog mill-mina ta’ Santa Venera. Jghid li hu kien qed isuq fuq ix-xellug, fuq in-naha ta’ gewwa, meta qaleb mil-lane biex jigi fil-lane tan-nofs. Kien saq xi 150 metru meta karozza giet mill-genb tipprova taqbzu minn naha ta’ barra.[28] Is-sewwieq ta’ din il-vettura beda jdoqq il-horn u joffendi lill-imputat xhin *“..dahal go fiha….Dahalli gor-roti quddiem…dahal gor-rota ta’ quddiem u bl-impatt hadli l-isteering minn idi…tlaqt l-isteering u kif tlaqt l-isteering ix-Xarabank gibed fuq in-naha tar-right.”*[29]

Il-Qorti gja ghamlet l-osservazzjonijiet taghha dwar kif il-hsarat juru li din il-verzjoni ma ssib l-ebda korroborazzjoni u ghalhekk mhux ser tiddulunga izjed fuq dan. L-imputat ikompli jispjega li Farrugia hareg mill-vettura tieghu u qabad itih fejn anke meta kien mixhut mal-art, hu baqa’ jigi aggredit. Ir-rejazzjoni impulsiva izda definittivament ingustifikabbli ta’ Farrugia hi rejazzjoni ta’ bniedem li ppercipixxa li dak li sehh ma kienx kawza ta’ incident involuntarju, izda att intenzjonat li seta’ kellhu konsegwenzi ferm aktar gravi tenut kont li l-habta sehhet fi triq arterjali u traffikuza fejn vetturi ikunu qed jinstaqu b’ velocita`.

Illi **l-verzjoni ta’ Farrugia tinsab korroborata mix-xhieda ta’ Cassar**. Jidher li hekk kif il-parte leza beda jipprova jissorpassa lill-imputat hekk kif ix-xarabank baqghet ma taghtx wisa’ bizzejjed sabiex Farrugia jghaddih, l-istess Farrugia permezz ta’ diskors offensiv indirizzat lill-imputat, irritah tant li dan minflok baqa fil-karreggiata tieghu (kif allega kemm fl-istqarrija kif ukoll a tempo vergine), irrejagixxa ghall-offizi li gew indirizzati lilu billi kiser l-isteering[30] u saq ghal fuq Farrugia u baqa’ jkaxkru u jrossu mal-hajt. Ir-ritratti esebiti kemm minn Farrugia kif ukoll min Rita Azzopardi[31] u Kenneth Camilleri[32] in rapprezentanza ta Malta Public Transport, fejn il-hsarat fuq il-vetturi jaghtu storja taghhom, ikomplu jikkoroboraw il-verzjoni ta’ Farrugia u Ivan Cassar. Kemm il-parte leza kif ukoll Miriam Spiteri jixhdu li l-vettura Yaris kienet ghada kemm giet insured ix-xahar ta’ qabel ghal €10,500.[33] Difficli wiehed jemmen li l-

[26] Fol.117
[27] Fol.152
[28] Fol.165
[29] Fol.166
[30] Kif jammetti hu stess fil-verzjoni li nghatat lil Gwardjani li hejjew it-Traffic Accident Reprt.
[31] Fol.66 et seq.
[32] Fol.107 et seq.
[33] Fol.55

parte leza kien ser juza dik l-istess vettura sabiex ikompli jissika ma' xarabank, kif jikkontendi l-imputat! Ritratt a fol.114 kjarament juri li ma jaghmilx sens dak li jghid l-imputat fl-istqarrija tieghu li l-parte leza *"laqatli r-rota ta' quddiem"*[34]; tidher biss marka ta' rota ferm izghar u kif gja inghad ma tirrzulta ebda daqqa la fuq ix-xarabank innifsu u lanqas fuq ir-rota![35] Fin-nota taghha il-prosekuzzjoni ukoll taghmel accenn ghall-fatt li in kontro-ezami l-imputat ibiddel il-verzjoni tieghu u jaghti spjegazzjoni li ma ssib ebda korroborazzjoni kif inghad, filwaqt li jipprova jiskredita lix-xhud Cassar.

Illi kif gja` inghad, l-isketch u r-ritratti esebiti[36] ma jhallu ebda dubbju dwar id-dinamika tal-habta minn fejn jirrizulta li l-verzjonijiet tal-parte leza kif ukoll ta' Cassar ghandhom mis-sewwa u jikkontrastaw bil-qawwa mal-inverosimilianza tal-ispjegazzjoni moghtija mill-imputat. Fil-fatt r-ritratti esebiti juru bic-cjar li vettura daqshekk zghira qatt ma setghet tkun il-kawza li tigbed xarabank misjuqa fil-karreggjata taghha ghal fuqha. Il-hsarat juru li d-daqqa giet mix-xarabank li baqghet tross u tkaxkar il-Yaris, li kienet kwazi qabzitha. L-fatt li l-imputat sema' lill-parte civile joffendih ifisser li l-Yaris kienet gja wasslet taht il-kabina tax-xufier u vicin tieghu. Ir-ritratt a fol.114, li anke juri bic-cjar id-differenza fid-daqs taz-zewg vetturi, juri marka tar-rota vicin il-kabina. Dan jindika minghajr dubbju li l-Yaris kienet waslet biex tissorpassa ghal kollox ix-xarabank u ma setghet qatt tolqot xi rota tax-xarabank! Ma kien hemm ebda raguni ghall-imputat li minflok jevita lil Farrugia jkompli jissikka mieghu sakemm habat go fih, s'intendi, ghajr ghar-raguni li hu stess ta lil Ivan Cassar meta qallu ***"ghax beda' joffendini b'ommi u qalli ghamilt..ghax ommi kienet ghadha kemm mietet xi xharejn ilu***.*"*[37]

Illi mill-provi ghalhekk ma hemmx dubbju li s-sewqan tal-imputat kien wiehed ghal kollox perikoluz. Issir riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Maximilian Ciantar:**[38]

"Illi x'jikkostitwixxi sewqan traskurat, bla kont, u perikoluz huwa ukoll pacifiku f'l-ordinament gurikdiku taghna. *Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non osservanza taddisposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat. Sewqan bla kont hu deskritt fissubartikolu (2) ta' l-imsemi artikolu 15 bhala sewqan 'bi traskuragni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira u tinkludi l-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabbilita' ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji. Sewqan perikoluz (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-proprjeta' taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin u*

[34] Fol.28
[35] Vide Fol.117
[36] Fol.69 et seq.
[37] Fol.20
[38] Onor. Magistrat Dr. Doreen Clarke, 27.07.2011

*l-lokalita' ta' l-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. Naturalment, sewqan f'kaz partikolari jista' jaqa' taht tnejn jew aktar minn dawn it-tliet forom ta' sewqan...* [39]

Mill-atti processwali ghalhekk jirrizultaw ppruvati l-ewwel, it-tieni u r-raba imputazzjoni. Dwar it-tielet imputazzjoni ma giex pruvat sal-grad rikjest mill-ligi li l-offiza fuq il-parte leza saret mill-imputat u ma kienitx dovuta ghall-agir tal-parte leza nnifsu meta hu mar jiggieled u jattakka lill-imputat inter alia bil-ponn wara li sehhet il-habta.

Illi dwar il-piena il-Qorti hadet in konsiderazzjoni in-natura tar-reati addebitati lill-imputat u tal-fedina penali tieghu li mhiex wahda li tohloq preokkupazzjoni ghal Qorti. Ittiehed kont tal-fatt li l-imputat safa' mkecci mill-impjieg tieghu kawza tal-kaz mertu ta' dawn il-proceduri u ghalhekk diga' qed jigi penalizzat ghall-agir tieghu liema agir ma jridx jintnesa kien reajazzjoni ghal kliem offensivi tal-parte leza fejn issemiet omm l-imputat fi zmien meta it-telfa taghha kienet ghada tahkem fuq l-imputat.

Ghal dawn il-mottivi, wara li rat l-artikoli 17, 31, 325(1)(a)(b) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 15(1)(a)(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li tillibera lill-imputat mit-tielet imputazzjoni, issbu hati tal-imputazzjonijiet l-ohra kollha u tikkundannah ghal 20 xahar prigunerija li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal tlett snin.

Inoltre` tordna li l-imputat jigi skwalifikat milli jkollu jew jikseb licenzja tas-sewqan ghal zmien sitt (6) xhur. Din l-iskwalifika tibda ghaddejja minn nofs il-lejl u minuta ta' llum.

Finalment wara li rat l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta' tal-parte leza qeghda torbot lill-hati b'garanzija personali ghaf-favur ta' Daniel Farrugia taht penali ta' elf euro (€1,000) ghal zmien sena.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Magistrat**

[39] **Pulizija vs Alfred Mifsud** Appell Kriminali deciz 06.05.1997.